

Početna stranica > Pokretanje sudskog postupka > Gdje i kako > Troškovi

Izvorna jezična inačica ove stranice [sv](#) nedavno je izmijenjena. Naši prevoditelji trenutno pripremaju jezičnu inačicu koju vidite.
Swipe to change

švedski

Spejjeż

Švedska

Din il-paġna tagħtik informazzjoni dwar l-ispejjeż ġudizzjarji fl-Iżvezja.

Slużbeni prijewod nije dostupan u jezičnoj verziji koju tražite.

Ovdje možete pristupiti strojnom prijewodu ovog sadržaja. Imajte na umu da je svrha tog prijewoda samo pružiti kontekst. Vlasnik ove stranice ne prihvaća nikakvu odgovornost ni obvezu u pogledu kvalitete strojno prevedenog teksta.

-----hrvatski-----bugarskišpanjolskičeškiđanskiñemackiesticniskigrčkiengleskifrancuskitalijanskilatvijskilitavskimađarskimalteškinizozemskipoljskiportugalskirumunjskislovačkislovenskifinski

Qafas regolatorju li jirregola l-ħlasijiet tal-professjonisti legali

Avukati

Fl-Isvezja, il-ħlasijiet tal-professjonisti legali mħumiex irregolati. Madankollu, jekk tingħata ġħajnuna legali, tapplika rata ta' ħlas fis-sieġha stipulata mill-gvern. Fl-2011, din ir-rata kienet, fil-parti l-kbira tal-każijiet, ta' SEK 1 166 bil-VAT mhux inkluża (jiġifieri SEK 1 457 bil-VAT inkluża). Il-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Assoċjazzjoni Svediża tal-Avukatura (advokater) jgħid li l-ħlasijiet mitluba mill-membri tal-Avukatura jridu jkunu raġonevoli.

Spejjeż fissi

Spejjeż fissi fi proċedimenti ċivili

Spejjeż fissi għall-partijiet fi proċedimenti ċivili

Għal rikors f'kawża ċivili, ir-rikorrent irid iħallas dritt għall-preżentata lill-qorti. Bħalissa, id-dritt għall-preżentata huwa ta' SEK 450 (madwar EUR 50).

F'każijiet fejn hija permessa soluzzjoni barra l-qorti u l-valur tal-pretensjoni b'mod ċar ma jaqbiżx nofs l-ammont bażi preskritt mill-Att tal-Assigurazzjoni Nazzjonali (l-ammont bażi għall-2012 huwa SEK 44 000; jiġifieri nofs l-ammont bażi għall-2012 huwa SEK 22 000), il-kumpens għall-ispejjeż tal-litigazzjoni ma jistgħux jinkludu nfiq ieħor, ħlief:

L-ispejjeż tal-pariri legali, limitati għal sieġha kull darba fir-rigward ta' kull kwistjoni li tkun qed tiġi trattata; id-dritt li għandu jitħallas huwa ekwivalenti għall-ħlas ta' sieġha ta' parir legali skont l-Att dwar l-Għajnuna Legali (1996:1619)

It-tariffa għall-applikazzjoni

Spejjeż ta' vjaġġar u ta' sussistenza mġarrba mill-parti jew mir-rappreżentant legali tal-parti marbuta mal-attendenza għas-smiġħ fil-qorti jew, jekk ma jkunx meħtieġ li l-parti tidher quddiem il-qorti, l-ispejjeż tal-ivjaġġar u tas-sussistenza mġarrba mir-rappreżentant legali.

Spejjeż imġarrba mix-xhieda

Spejjeż tat-traduzzjoni

Jingħata kumpens biss jekk l-ispejjeż imġarrba kienu meħtieġa sabiex jiħarsu l-interessi tal-parti konċernata.

Għal kawżi ċivili oħrajn (jiġifieri fejn il-valur tal-pretensjoni jaqbeż nofs l-ammont bażi skont l-Att dwar l-Assigurazzjoni Nazzjonali) ma japplika l-ebda limitu jew spiża fissa ta' din ix-xorta.

L-istadju tal-proċediment ċivili fejn iridu jitħallsu l-ispejjeż fissi

Id-dritt għall-preżentata jrid jitħallas lill-qorti meta jsir ir-rikors. Madankollu, l-Att dwar l-Għajnuna Legali jiddikjara li jekk ingħatat għajnuna legali, il-parti għandha tħallas dritt tal-għajnuna legali lir-rappreżentant legali hekk kif jinqalgħu dawn l-ispejjeż. Dan id-dritt huwa prinċipalment ibbażat fuq id-dħul tal-parti.

Spejjeż fissi fi proċedimenti kriminali

Spejjeż fissi għall-partijiet fi proċedimenti kriminali

Jekk il-qorti taħtar avukat tad-difiża pubbliku għall-imputat, hija applikabbli r-rata ta' dritt fis-sieġha msemija hawn fuq fit-titolu 'Avukati'. Rigward proċedimenti li ma jiħdux wisq żmien tapplika skeda speċjali. Jekk l-imputat jinstab ħati, huwa jrid iħallas lura lill-Istat il-fondi pubbliċi li ntefqu, skont id-deċiżjoni tal-qorti fir-rigward tar-remunerazzjoni tal-avukat tad-difiża tiegħu. Madankollu, l-imputat mhux meħtieġ iħallas iktar għas-servizzi tal-avukat tad-difiża mill-ammont li kieku kien iħallas bħala dritt tal-għajnuna legali li kieku ngħata l-għajnuna legali.

F'ċerti każijiet, l-avukat għall-persuna offiża (jiġifieri l-allegata vittima ta' reat) jista' jinħatar fuq il-bażi tal-Att dwar l-Avukat għall-persuna offiża. Il-persuna offiża mhija responsabbli għall-ebda spiża li titħallas lil dan l-avukat. Jekk l-akkużat jinstab ħati, huwa jrid iħallas lura lill-Istat il-fondi pubbliċi li ntefqu, skont id-deċiżjoni tal-qorti fir-rigward tar-remunerazzjoni tal-avukat għall-persuna offiża. Madankollu, l-imputat mhux meħtieġ iħallas iktar mill-ammont li kien ikollu jħallas li kieku ngħatat l-għajnuna legali.

L-istadju tal-proċediment kriminali fejn iridu jitħallsu spejjeż fissi

Jekk il-qorti tiddeċiedi li l-imputat irid iħallas lura lill-Istat il-fondi pubbliċi li ntefqu, skont id-deċiżjoni tal-qorti fir-rigward tar-remunerazzjoni tal-avukat tad-difiża tiegħu jew tal-avukat għall-persuna offiża, l-ammont jitħallas wara li jingħata l-verdett.

Spejjeż fissi fi proċedimenti kostituzzjonali

Spejjeż fissi għall-partijiet fi proċedimenti kostituzzjonali

Fl-Isvezja, m'hemm l-ebda proċediment kostituzzjonali speċjali ta' din ix-xorta. Madankollu, parti tista' titlob id-danni mingħand l-Istat talli jkun kiser id-drittijiet tal-bniedem tagħha. Jekk dan iseħħ, japplika r-regolament dwar id-drittijiet tal-professjonisti legali u l-ispejjeż fissi li ssemma iktar 'il fuq.

L-istadju tal-proċediment kostituzzjonali fejn iridu jitħallsu spejjeż fissi

Tapplika l-informazzjoni li ngħatat iktar 'il fuq.

Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta minn qabel mir-rappreżentanti legali

Drittijiet u obbligi tal-partijiet

Rigward l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta minn membru tal-Assoċjazzjoni Svediża tal-Avukatura rigward id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet u l-prospetti tagħhom li jirbħu l-kawża, il-Kodiċi tal-Proċedura Ġudizzjarja Svediż jillimita ruħu li jiddikjara li tali membru għandu, fil-prattika tiegħu, iwettaq b'mod onest u diliġenti l-kompiti fdati lilu, u għandu dejjem josserva l-użanzi ta' avukat tajjeb.

Barra minn hekk, skont il-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Assoċjazzjoni Svediża tal-Avukatura, membru għandu – mill-bidu nett ta' xogħlu – jinforma lill-klijent tiegħu bil-politika tal-ħlasijiet u tal-ħruġ tal-fatturi. Skont dan il-Kodiċi, id-drittijiet jistgħu jiġu ddebitati permezz ta' fattura li tinħareġ rigward parti mix-xogħol li sar, fuq kreditu jew billi tinħareġ fattura ladarba l-biċċa xogħol tkun lesta. Rigward rappreżentanti legali oħrajn li mhumiex membri tal-Assoċjazzjoni tal-Avukatura Svediża, mhuwa stipulat l-ebda obbligu statutorju ta' din ix-xorta.

Sorsi tal-ispejjeż

Fejn nista' nsib informazzjoni dwar is-sorsi tal-ispejjeż fl-Isvezja?

Rigward l-għajnuna legali, tista' ssib informazzjoni (anki bl-Ingliż) fuq is-sit elettroniku tal- **Awtorità Nazzjonali tal-Għajnuna Legali (Rättshjälpsmyndigheten)**. Rigward id-drittijiet tal-qrati, tista' ssib informazzjoni (anki bl-Ingliż) fuq is-sit elettroniku **tal-qrati Svediżi**. Tista' wkoll issib informazzjoni (bi kważi l-Isna uffċjali tal-UE kollha) fuq is-sit elettroniku **tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-qasam ċivili u kummerċjali**.

B'liema ilsna nista' nikseb informazzjoni dwar is-sorsi tal-ispejjeż fl-Isvezja?

Kull sit elettroniku jispesifika x'lsna huma disponibbli.

Fejn nista' nsib informazzjoni dwar il-medjazzjoni?

L-informazzjoni dwar il-medjazzjoni hija disponibbli fis-sit elettroniku tan-**Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-qasam ċivili u kummerċjali**.

Fejn nista' nsib informazzjoni addizzjonali dwar l-ispejjeż?

Sit elettroniku disponibbli dwar informazzjoni dwar l-ispejjeż

Tista' ssib informazzjoni dwar l-ispejjeż fis-sit elettroniku **tal-qrati Svediżi**. Dan huwa s-sit elettroniku uffċjali tal-gvern li huwa disponibbli bl-Ingliż u bl-Isvediż u jipprovdi deskrizzjoni tal-qrati u tal-proċeduri fil-qrati Svediżi.

Fejn nista' nsib informazzjoni dwar it-tul ta' żmien medju li jieħdu l-proċeduri differenti?

L-għan tal-qrati Svediżi huwa li jitttraww il-kawżi ċivili fi żmien li medjament ma jiġux iktar minn seba' xhur fil-qorti distrettwali u 5 xhur fil-qorti tal-appell rispettivament. Madankollu, fl-2011 il-parti l-kbira tal-kawżi ħadu medjament 7.9 xhur fil-qrati distrettwali u ħames xhur fil-qrati tal-appell. Din l-informazzjoni tista' ssibha (bl-Isvediż biss) fis-sit elettroniku **tal-qrati Svediżi**, fejn huma disponibbli r-rapporti annwal tal-qrati Svediżi.

Fejn nista' nsib informazzjoni dwar l-ispejjeż medja aggregata għal proċedura partikolari?

Informazzjoni uffċjali ta' din ix-xorta mhix disponibbli.

Taxxa fuq il-Valur Miżjud

X'inhuma r-rati tal-VAT applikabbli?

It-tariffi għall-applikazzjonijiet fil-qrati Svediżi huma eżenti mill-VAT. Ir-rata tal-VAT għal servizzi legali privati hija 25%.

Għajnuna Legali

Limitu tad-dħul applikabbli fil-qasam tal-ġustizzja ċivili

Sabiex tingħata l-għajnuna legali, id-dħul tar-rikorrent ma jridx jaqbeż limitu finanzjarju, li bħalissa huwa ta' SEK 260 000 (madwar EUR 25 000). Meta jiġi smat id-dħul tar-rikorrent, tiġi kkunsidrata s-sitwazzjoni ekonomika kollha tiegħu, inklużi, pereżempju, l-ispejjeż għall-manteniment tat-tfal, l-ispejjeż tal-proprjetà jew id-djun. F'kawżi transfruntieri, l-għajnuna legali tista' tingħata anki jekk id-dħul tar-rikorrent jaqbeż is-SEK 260 000 ladarba huwa ma jkunx jista' jħallas l-ispejjeż. L-awtorizzazzjoni tkun ibbażata fuq id-differenza bejn l-ispejjeż tal-għejxien fl-Isvezja u l-Istat Membru tal-UE ta' residenza tar-rikorrent.

Limitu tad-dħul applikabbli fil-qasam tal-ġustizzja kriminali għall-akkużati

Sakemm jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, kull imputat huwa intitolat li jiġi rappreżentat minn avukat tad-difiża pubblika, irrispettivament mid-dħul tiegħu. Jekk l-imputat jinstab ħati, huwa jrid iħallas lura lill-Istat il-fondi pubbliċi li ntefqu, skont id-deċiżjoni tal-qorti fir-rigward tar-remunerazzjoni tal-avukat tad-difiża tiegħu. Madankollu, l-imputat mhux meħtieġ iħallas iktar għas-servizzi tal-avukat tad-difiża mill-ammont li kieku kien iħallas bħala dritt tal-għajnuna legali li kieku ngħata l-għajnuna legali.

Limitu tad-dħul applikabbli fil-qasam tal-ġustizzja kriminali għall-vittmi

Jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, kull vittma – irrispettivament mid-dħul tagħha – hija intitolata għal avukat skont l-Att dwar l-Avukat għall-persuna offiċja.

Kundizzjonijiet oħrajn sabiex tingħata l-għajnuna legali għall-vittmi

F'ċerti każijiet, il-qorti tista' taħtar "avukat għall-parti offiċja" (advokat), sabiex jassisti lill-vittma. Il-vittma tista' tingħata assistenza mingħand l-avukat għall-parti offiċja jekk tkun il-vittma ta' reat (parti offiċja) u kienet suġġetta għal, pereżempju, offiżasesswali, attakk, deprivazzjoni illegali tal-libertà, serq jew kwalunkwe reat ieħor li jista' jwassel biex il-persuna li wettqit tingħata sentenza ta' priġunerija. Il-qorti taħtar lill-avukat għall-parti offiċja, imma dan jista' jsir biss ladarba tkun inbdiet investigazzjoni preliminari. L-avukat għall-parti offiċja jiħallas mill-Istat u l-vittma ma tħallas xejn.

Kundizzjonijiet oħrajn sabiex tingħata l-għajnuna legali għall-akkużati

Jekk persuna ssuspettata taħt arrest jew persuna miżmuma titlob dan, jinħatar avukat tad-difiża pubblika biex jirrapreżentaha. L-avukat tad-difiża pubblika jinħatar ukoll fuq it-talba ta' persuna ssuspettata li wettqet reat, sakemm rigward dak ir-reat il-liġi ma tipprovdi għal sentenza inqas iebesha minn sitt xhur ħabs. Avukat tad-difiża pubblika jinħatar ukoll fil-każijiet li ġejjin:

Jekk jintalab avukat tad-difiża mill-persuna ssuspettata b'rabta mal-inkjeżta tar-reat;

Jekk avukat tad-difiża jkun meħtieġ minħabba dubju rigward il-kastig li se jiġi impost u jkun hemm raġuni biex ikun impost kastig li ma jkunx multa jew sentenza kondizzjonata jew dawn il-kastigi flimkien;

Jekk ikun hemm raġunijiet speċifiċi marbuta mas-sitwazzjoni personali tal-persuna ssuspettata jew mas-suġġett tal-każ.

Jekk il-persuna suspettata tkun rappreżentata mill-avukat tad-difiża li tagħżel hija, ma jinħatar l-ebda avukat tad-difiża pubblika.

Proċedimenti tal-qorti mingħajr spejjeż

Jekk tingħata l-għajnuna legali, il-kwerelant ma jħallasx dritt għall-preżentata lill-qorti. L-imputat ma jħallas l-ebda dritt lill-qorti. Madankollu, il-partijiet jistgħu jbatu l-ispejjeż tal-litigazzjoni tal-parti l-oħra, inklużi d-drittijiet għall-preżentata. Ma hemm l-ebda dritt għall-preżentata għall-appelli li jitressqu quddiem il-**Qorti tal-Appell** u l-**Qorti Suprema**.

Il-parti li titef meta għandha tħallas l-ispejjeż tal-parti li tirbaħ?

Bħala regola, il-parti li titef tħallas l-ispejjeż tal-litigazzjoni mġarrba mill-parti li tirbaħ. Il-kumpens għall-ispejjeż tal-litigazzjoni jkopri l-ispejjeż kollha marbuta mat-tnejjha għall-proċess quddiem il-qorti u mar-rappreżentanza minn avukat fil-qorti, u l-ispejjeż marbuta mal-preżentazzjoni ta' provi (inklużi x-xhieda u l-esperti), sakemm dawn l-ispejjeż kienu meħtieġa biex jiħarsu l-interessi tal-parti. Jiħallas kumpens anki għaż-żmien iddedikat u għall-isforzi li jkun saru mill-parti li tirbaħ minħabba li proċess quddiem il-qorti. Negożjati li jkun twestqu bil-għan li l-kwistjoni tissolva u li jkollhom effett dirett fuq l-azzjoni tal-parti, jitqiesu li kienu miżuri meħuda bi tnejjha għall-proċess quddiem il-qorti.

Drittijiet tal-esperti

It-tweġiba preċedenti rigward l-għoti ta' il-kumpens għall-ispejjeż hija rilevanti.

Drittijiet tat-tradutturi u tal-interpreti

Jekk parti, xhud jew kwalunkwe persuna oħra li għandha tinstema' mil-qorti ma tifhimx u ma titkellimx bl-Isvediż, jitqabba interpretu biex jassisti lill-qorti.

Jekk ikun meħtieġ, il-qorti tista' tipprovdi biex issir traduzzjoni tad-dokumenti ppreżentati lilha jew miġbħuta minha. Il-qorti tħallas it-tariffi tat-traduzzjoni u tal-interpretar u l-partijiet mhuma responsabbli għall-ebda minn dawn l-ispejjeż.

Dokumenti relatati

Ir-rapport tal-Isvezja tal-Istudju dwar it-Trasparenza tal-Ispejjeż tal-Proċedimenti Ġudizzjari Ċivili  (457 Kb) 

L-aħħar aġġornament: 19/03/2013

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.